MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 63/2004

**Michael u Mario Ciappara esercitanti fil-kummerc bhala gestituri tal-Euro Club Hotel**

**vs**

**Pavin Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-2 ta' Frar 2004 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-atturi danni sofferti u subiti minnhom, fl-ammont li ghandu jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti u dana in konsegwenza ta' ksur ta' ftehim da parti tas-socjeta' konvenuta
liema ftehim kien sar bejn il-partijiet (Dok A). Dan il-ftehim gie miksur mis-socjeta' konvenuta billi huma naqsu illi jikkonsenjaw il-merkanzija - *"Sanitary ware"* miftiehma lill-atturi u ghalhekk l-atturi kellhom jixtru dina l-merkanzija

minghand terzi bi prezz aktar gholi  kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez legali u bl-imghax sal-hlas effettiv inkluz ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru  125/2004 li gie prezentat  fit-22 ta' Jannar 2004.

Ghall-finijiet ta' kompetenza l-ammont ta' danni ma jeccedux it-tlett elef u tminn mitt lira maltin (Lm3,800).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' Pavin Limited kienet ipprocediet legalment fil-konfront tal-atturi permezz ta' citazzjoni numru 185/2003 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili  u dana  ghal hlas tal-bilanc dovut mill-invoices dovuti sa dakinhar, liema bilanc kien jammonta ghal ghaxart elef, mija u hamsin lira Maltin.

2. Illi t-talba ghal hlas saret fir-rigward ta' l-oggetti li kienu gew ikkonsenjati lill-atturi Ciappara u l-istess atturi mhux talli m'ghamlux kontro talba ghat-talbiet attrici izda fil-proceduri tal-kawza hawn fuq imsemmija kienu permezz ta' nota fl-atti tal-kawza ammettew it-talba maghmula minn Pavin Limited;

3. Illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili  preseduta mill-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia laqghet it-talba tas-socjeta' attrici Pavi Limited "kif ridotta ghall-ammont ta' disat elef mija u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm9,150.99) bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta'  kovenuta;

4. Illi sussegwentement ghas-sentenza hawn fuq citata, li ghaliha ma sar l-ebda appell, l-atturi Ciappara ghamlu diversi pagamenti akkont;

5. Illi nonostante s-sentenza hawn fuq imsemmija u nonostante l-ammissjoni tal-atturi Ciappara, l-atturi Ciappara pprezentaw dan l-avviz kif ukoll it-talba ghall-

hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 125/2004 ghall-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin;

6. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez legali kollha kontra l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2006 fejn sabet favur is-socjeta' konvenuta.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Marzu, 2007 fejn annullat is-sentenza ta' din il-Qorti u rrimettiet l-atti lil din il-Qorti sabiex terga' tikkunsidra l-meritu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-Euro Club Hotel fil-Qawra u ghal habta ta' Marzu, 2002 iddecidew li jaghmlu r*efurbishment* tal-lukanda u avvicinaw lis-socjeta' konvenuta sabiex dina tipprovdi madum ta' l-art u tal-hitan, kif ukoll kmamar tal-banju bl-attrezzi kollha ghal tali lukanda. Sar ftehim bejn il-partijiet bil-modalita' tal-hlas. Dan il-ftehim igib id-data 12 ta' April 2002 u kopja tieghu jinsab a fol 22 tal-process. Inqalghet kontroversja bejn il-partijiet dwar min kellu jkun responsabbli ghan-nuqqas ta' konsenja ta' l-oggetti illi kien gie pattwit li jkun konsenjat bejn il-partijiet.

Mario Ciappara jghid illi hallsu pagament akkont ta' elfejn lira (Lm2,000) fl-10 ta' April 2002 u gie konsenjat il-madum biss, wara li hallsu elfejn lira (Lm2,000) kull xahar. Meta kwazi hallsu l-madum kollu, l-attrezzi tal-kmamar tal-banju baqghu ma gewx u waqfu l-pagamenti, sakemm fl-ahhar kienu kostretti li jfittxu band'ohra u cioe' s-socjeta' *Bath Line Limited* u kellhom ihallsu Lm3,572 extra ghall-istess xoghol illi kienu originarjament ser jordnaw minghand is-socjeta' konvenuta.

Kevin Fenech ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta filwaqt li kkonferma li kien ghamel ftehim ma’ l-atturi bil-modalita’ tal-hlas kif indikat a fol 22, ighid illi wara li kkonsenja l-madum kollu, kkonsenja wkoll kampjun ta’ kamra tal-banju shiha. Pero’ l-atturi ma zammewx il-modalita’ tal-hlas kif miftiehem u waqghu lura bil-pagamenti. Meta sab li kien qed ikollu diffikulta sabiex jithallas l-ammont dovut lilu ghax-xoghol gia’ konsenjat, allura ma baqax aktar jissupplixxi l-merkanzija, u pprova jigbor almenu l-flus ta’ dak li kkonsenja. Meta ra li anke hawn kien qed isib id-diffikulta kien kostrett jadixxi l-Qorti sabiex almenu jiehu sentenza favur tieghu illi l-atturi huma debituri fl-ammont ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000). Il-kawza giet ammessa mill-atturi u wara hafna tqanzieh irnexxielu jigbor xi flus li kienu dovuti lilu. Dana huwa kkonfermat minn Dr Ian Micallef illi jsemmi car u tond illi r-raguni tar-rottura tar-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet kien il-fatt illi l-atturi ma onorawx il-ftehim tal-hlas.

Anthony Briffa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Bath Line Limited filwaqt illi kkonferma illi l-atturi xtraw xi attrezzi ghall-kmamar tal-banju minghand is-socjeta’ tieghu, ma setghax jikkonferma l-awtenticita’ tad-dokument a fol 26 li hija lista ta’ l-oggetti li suppost l-atturi xtraw minghandu. Fil-fatt ighid illi l-items li jidhru a fol 26 ma gewx ikkonsenjati u kien aktar kategoriku meta a fol 115 ighid *“il-Bath Line hija estraneja ghal dan id-dokument...”*

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tad-danni wara nuqqas ta’ konsenja ta’ *“sanitary ware*” li kienu ordnaw minghand is-socjeta’ konvenuta. Dana huwa minnu. Fil-fatt l-istess Kevin Fenech in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta jammetti illi ma kkonsenjax is-*“sanitary ware”* kollu illi kienu ordnaw l-atturi, imma dana ghamlu l-ghaliex l-atturi ma onorawx il-ftehim li kellhom mieghu dwar il-modalita’ tal-hlas.

Il-Qorti ssib illi x-xhieda moghtija minn Kevin Fenech hija aktar veritjera minn dik moghtija minn Mario Ciappara. Dana l-ghaliex id-dokument a fol 22 jikkonforta bis-shih it-tezi ta' Fenech u turi bic-car illi l-atturi waqghu lura fil-pagamenti u ma onorawx il-ftehim pattwit u fejn suppost il-bilanci kollha kellhom ikunu mhallsa sal-24 ta' Jannar 2003. Is-socjeta' konvenuta kienet kostretta li tadixxi lill-Qorti biex tithallas ghall-bilanc tal-merkanzija illi effettivament ikkonsenjat lill-atturi. Il-Qorti tifhem l-argument ta' Kevin Fenech meta jghid illi naqas milli jikkonsenja l-merkanzija meta ra li kien qed ikollu diffikultajiet kbar biex jithallas ta' dak illi effettivament ikkonsenja.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax mala fede minn nahha ta' l-atturi meta dawn mhux talli ma onorawx l-obbligazzjonijiet taghhom, talli lanqas talbu lis-socjeta' konvenuta sabiex tikkonsenjalhom il-merkanzija li kien ghad fadallhom jircievu u minnflok marru ghand terzi sabiex jordnaw xi merkanzija minghajr ma l-ewwel adixxew lill-Qorti sabiex ikollhom dikjarazzjoni favur taghhom illi s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha.

Ikkunsidrat:

Biex persuna tkun intitolata ghad-danni trid tipprova illi d-danni graw tort ta' haddiehor, u cioe' li kien hemm element ta' negligenza u traskuragni da parti tat-terz li kkawzaw id-danni lill-persuna. F'dan il-kaz il-Qorti ssib illi kienu l-atturi stess li nstigaw is-sitwazzjoni fejn poggew lis-socjeta' konvenuta f'sitwazzjoni mpossibli fejn jew jissupplixxu l-merkanzija kollha u jzidu l-kwistjonijiet u t-telf finanzjarju li kellhom, jew inkella l-istess socjeta' tiddeciedi li twaqqaf il-konsenja u almenu tirkupra dak illi effettivament ikkonsenjat.

Is-socjeta' konvenuta ghamlet dak li huwa *"commercial sense"* u waqfet immedjatament il-konsenja tal-merkanzija u ppruvat tirkupra l-hlas ta' dak li effettivament ikkonsenjat. Il-Qorti ssib illi dan l-agir ma kienx instigat unilateralment minn nahha tas-socjeta' konvenuta, imma kienu l-atturi li qabdu u ma onorawx il-ftehim li kellhom

mas-socjeta’ konvenuta dwar modalita’ ta’ hlas u waqghu lura serjament, tant illi s-socjeta’ konvenuta spiccat biex kellha tadixxi lil din il-Qorti biex tiehu lura dak illi haqqha. Jekk l-atturi kellhom xi diffikultajiet sabiex ilahhqu mal-pagamenti, allura dawn messhom dahlu f’negozjati mas-socjeta’ konvenuta halli jiftiehmu modalita’ ta’ hlas li tkun accettabbli ghal kulhadd u b’hekk jissalvagwardjaw ir-reputtazzjoni kummercjali taghhom f’dan ir-rigward.  Izda l-atturi milli jidher ma ghamlux dan u ghazlu illi jmorru dritt ghand terzi, jixtru l-merkanzija minghandhom minghajr ma l-ewwel jinfurmaw lis-socjeta’ konvenuta illi kienu ser jiehdu dan il-pass. Il-Qorti ssib illi dan il-pass ma kienx gustifikat minn nahha ta’ l-atturi. Kienu lahqu ftiehmu mas-socjeta’ konvenuta u kellhom relazzjoni kuntrattwali u kummercjali li kellu jigi onorat miz-zewg partijiet.

Hu ben saput illi l-kuntratti jridu jigu esegwiti in buona fede u dan ifisser illi z-zewg partijiet iridu jaghmlu minn kollox sabiex jonoraw dak li jkun pattwit u jwasslu fi tmiem in-negozju li jkun sar bejniethom. Parti li tissupplixxi l-merkanzija miftiehma u l-parti l-ohra li thallas ghal tali merkanzija, izda li jkollok parti li tordna merkanzija, tirceviha u li ma thallasx ghaliha mhuwiex agir kummercjali li jitqies buona fede.

L-atturi abbuzaw mis-sitwazzjoni li nholqot. Ma hallsux lis-socjeta’ konvenuta dak illi kien dritt taghha u minn fuq jippretendu illi issa jircievu d-danni talli ordnaw merkanzija minghand kumpanija ohra. Dana m’huwiex agir accettabbli u juri l-mala fede ta’ l-atturi. Il-Qorti ghalhekk issib illi din il-kawza ma kienx hemm postha. Hija ghal kollox vessatorja u m’ghandhiex tkun sanata minnha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------